**Ruling mogħti mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia fis-seduta 319 tas-6 ta' Marzu 2025 dwar ilment imqajjem mill-Onor. Naomi Cachia fis-seduta tal-25 ta' Frar 2025 dwar diskors li ntqal mill-Onor. Karol Aquilina fil-konfront tas-Sedja**

Fis-seduta tal-25 ta' Frar 2025, l-Onor. Naomi Cachia talbet lis-Sedja hekk:

> "Peress li issa jidher li hawn interess kbir fil-proċeduri ta' din il-Kamra, f'ismi u kemm bħala deputat kif ukoll bħala Whip tal-Gvern nixtieq nuri solidarjetà miegħek, Sur President, li sfajt fil-mira ta' attakki ta' min m'għandux rispett lejn din il-Kamra u wisq inqas lejn il-poplu Malti. Għat-tieni ġurnata konsekuttiva intwera nuqqas ta' qima f'din l-awtorità ta' din il-Kamra bi kliem u insulti u dan minkejja kulma jgħid Kap. 113 li hija l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati li nissuġġerilkom taqrawha wkoll. B'mod partikolari nirreferi għall-kummenti li għamel kemm ilbieraħ kif ukoll illum l-Onor. Karol Aquilina fil-konfront tiegħek, Sur President, meta qal kliem bħal "sfaċċat", "oxxen", "missu jpoġġi fuq in-naħa tal-Gvern" u "llum bla moħħ". Dan huwa kliem li nistħi nirrepeti imma f'ġieħ il-kontabilità se jkolli nirrepetihom."

Hawnhekk is-Sedja qalet lill-Onor. Naomi Cachia:

> "Jekk jogħġbok, ikkonkludi."

Hawnhekk l-Onor. Naomi Cachia qalet:

> “Qed nitlob lis-Sedja biex tieħu l-passi li tħoss li għandha tieħu f’dan ir-rigward.”

Hawnhekk imbagħad il-Kap tal-Oppożizzjoni qal hekk:

> “Nerġa’ nfakkar lis-Sedja li dan il-Parlament għandu jitmexxa b’mod aħjar, b’rispett lejn il-poplu Malti u n-nuqqas ta’ deċiżjonijiet jew deċiżjonijiet li ma jitteħdux kif suppost f’dan il-Parlament qegħdin iwasslu biex f’dan il-Parlament ma ssirx diskussjoni kif suppost b’rispett lejn il-poplu Malti u Għawdxi. Ġaladarba min-naħa l-oħra tal-Kamra kif ukoll din in-naħa tal-Kamra esprimiet is-solidarjetà ma’ diversi naħat, inkluż miegħek, Sur President, jien inħoss li ma saritx lanqas min-naħa l-oħra skuża lejn il-poplu Malti li nesprimu s-solidarjetà mal-poplu Malti u Għawdxi għaliex jekk illum hemm xi ħadd li jinsab provvist minn demokrazija parlamentari huwa l-poplu Malti u Għawdxi.”

Is-Sedja tifhem u tapprezza l-apprezzament li wriet l-Onor. Naomi Cachia bħala solidarjetà fil-konfront tas-Sedja.

Is-Sedja billi tinnota dak li qal il-Kap tal-Oppożizzjoni, fejn jagħmel referenza għal, u nikkwota:

> “nuqqas ta’ deċiżjonijiet jew deċiżjonijiet li ma jitteħdux kif suppost f’dan il-Parlament ...”

Fuq din tal-aħħar, is-Sedja mill-ewwel tikkonstata bl-aktar mod inekwivoku li d-deċiżjonijiet li tagħti s-Sedja huma mogħtija abbażi tal-Ordnijiet Permanenti u l-prassi

stabbilta tal-Kamra inkluż f'diversi deċiżjonijiet oħrajn anke minn Speakers oħrajn preċedenti. Meta tagħti d-deċiżjonijiet tagħha s-Sedja dejjem tara li bl-aktar mod metikoluż li dawn ikunu korretti. Fin-nuqqas ta' dan kull membru, inkluż il-Kap tal-Oppożizzjoni, għandu l-fakultà li jikkontesta kull deċiżjoni tas-Sedja, u dan skont Ordni Permanenti 62 li jgħid:

> "Fuq kwistjoni ta' ordni li tiġi mqanqla fil-Kamra, il-membru msejjaħ għall-ordni għandu jerġa' jieħu postu u wara li tingħad il-kwistjoni ta' ordni lill-iSpeaker mill-membru li jqum fuq il-kwistjoni ta' ordni, l-Ispeaker għandu jagħti d-deċiżjoni tiegħu dwarha u dik id-deċiżjoni ma għandhiex tiġi diskussa matul dik is-seduta; iżda kull membru jkun jista' b'mozzjoni magħmula wara avviż u fi żmien jumejn mill-għoti ta' dik id-deċiżjoni, jagħmel mozzjoni li dik id-deċiżjoni tal-iSpeaker tiġi riveduta u li jsir rapport fuqha mill-Kamra; dak ir-rapport għandu jitniżżel fil-minuti tal-proċeduri tal-Kamra."

Għalhekk id-dritt li tkun ikkontesta deċiżjoni tas-Sedja huwa regolat permezz ta' din il-proċedura, u *sta* għal xi Membru japplikax dik il-proċedura jew le.

Is-Sedja qieset ukoll dak li talbet l-Onor. Naomi Cachia. Is-Sedja tifhem u tapprezza li kien hawn preokkupazzjoni kbira għad-diskors jew ċerti rimarki li għadda l-Onor. Karol Aquilina, f'dan il-każ dirett lejn is-Sedja. Is-Sedja semgħetu ukoll dan id-diskors li għamlet referenza għalih l-Onor. Cachia, u ċertament huwa kliem li ma hux assoċjat ma' mġiba onorevoli. Anzi, huwa diskors li ma jagħmilx ġieħ lill-istess persuna li tgħidu.

Min-naħa l-oħra s-Sedja tifhem ukoll li meta ntqal dak id-diskors is-Sedja ma setgħetx taqbad u tapplika l-istess Ordni Permanenti 63 li jgħid li:

> “L-Ispeaker jew il-President jista’ jordna lil kull membru li l-imġiba tiegħu tkun ta’ diżordni kbir biex jirtira minnufih mill-Kamra ...”

peress li d-diżordni ma kienx ġej biss min-naħa tal-istess Onor. Membru imma kien ġej ukoll minn diversi Membri oħrajn fil-Kamra.

Madankollu s-Sedja tagħmilha ċara li hija ħadet nota ta’ dan kollu li ġara fis-seduta msemmija, u għal darb’oħra tagħmel referenza għal dak li qalu diversi Speakers ta’ qabilha, kif qalet ukoll is-Sedja preżenti, li dejjem appellat għall-imġiba onorevoli min-naħa tal-istess Onor. Membri f’din il-Kamra, u biex din l-imġiba dejjem tkun waħda li tagħmel ġieħ lejn il-Membri nfushom u lejn l-istess istituzzjoni.

Fis-seduta tat-Tlieta, 25 ta’ Frar, meta s-seduta parlamentari ma kienet sospiża fl-ebda ħin, is-Sedja semgħet u hija konxja ta’ kliem li ġie indirizzat mill-Onor. Aquilina lis-Sedja li nstema on-mike u wkoll fix-xandir ta’ din is-seduta, ċjoè meta b’mod ċar u dirett indirizza lis-Sedja l-kliem “Niddubita kemm taħseb int!”. Il-kliem, u aktar u aktar il-mod kif intuża f’dak il-mument huwa kliem li ċertament huwa offensiv, li huwa mhux xieraq, u dan kif indikat ukoll fl-Ordni Permanenti 60 li tgħid illi:

> “Ebda membru ma għandu juża’ kliem offensiv jew mhux xieraq kontra l-karattru jew il-proċeduri tal-Kamra jew b’referenza għal xi membru tagħha. Ebda intenzjoni ħazina ma għandha tiġi attribwita għal xi membru.”

Għalhekk issa nerġa’ nistaqsi lill-Onor. Karol Aquilina jekk fiċ-ċirkostanzi - forsi dakinhar, il-mod kif għedtha ... - , hux se jirtira dan il-kliem fil-konfront tiegħi, dak il-kliem li għedt, “niddubita jekk taħseb” ...

*Dikjarazzjoni mill-Onor. Karol Aquilina*

Qed nifhem li l-kliem li ntqal fil-konfront tas-Sedja ġie rtirat.

Ir-ruling għalhekk huwa deċiż.